**QORTI TA’ L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta’ nhar-il Erbgħa 7 ta’ Diċembru 2016**

**App. Nru. 497/12 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel sive Charles Farrugia**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Carmel sive Charles Farrugia, karta ta’ l-identita` numru 142761(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali talli:

(1) fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana, fl-1 ta’ Ġunju 1992, instab li kellu fil-pussess u/jew taħt il-kontroll tiegħu rifle tal-marka BSA Meteor, pistola (revolver) u kwantita` ta’ seba’ mija u ħmistax (715) tipi varji ta’ munizzjoni li l-importazzjoni tagħhom hija projbita u/jew ristretta/ b’valur totali ta’ Lm160.74, dazju Lm128.59, liema dazju ma ġiex imħallas jew kawtelat;

(2) fl-Msida fil-25 ta’ Ottubru 1991 minn van tal-marka Marina bin-numru tar-reġistrazzjoni E-7142 ikkommetta serq ta’ arma tan-nar (senter) tal-marka Benelli li l-valur tiegħu jeċċedi l-mitt lira Maltin (Lm100) liema serq hu

kwalifikat bil-mezz, bil-valur u x-xorta tal-ħaġa misruqa, għad-detriment ta' Antoine Borg Bonaci;

(3) fix-xhur ta' bejn il-25 ta' Ottubru 1991 u l-1 ta' Ġunju 1992, f'Malta, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibigħhom jew imexxihom;

(4) sar reċidiv b'sentenza tal-Qorti Kriminali mogħtija fil-24 ta' Settembru 1981, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mħassra jew mibdula;

(5) żamm jew kellu fil-pussess tiegħu armi tan-nar mingħajr liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Ottubru 2012 (ara verbal a fol. 239) fejn wara li kkunsidrat li "l-akkużat u l-uffiċjal prosekutur ilhom ma jidhru għal perijodu twil ta' snin, jidher li dan il-każ jinsab preskritt skond il-liġi" u għalhekk iddikjarat l-azzjoni kriminali bħala estinta;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali ppreżentat fl-1 ta' Novembru 2012 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata bill tiddikjara n-nullita` tas-sentenza konsiderando l-ksur tal-artikolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta fi-interita` tagħha u/jew tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn l-azzjoni kontra l-imputat ġiet estinta mmnn l-ewwel Qorti minħabba preskrizzjoni tal-proċedura *de quo* u minflok, tgħaddi biex tiddeċiedi u tiddisponi mill-appell skond il-Liġijiet ta' Malta;

**4.** Rat is-sentenza preliminari mogħtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru 2016 li permezz tagħha ddikjarat is-sentenza appellata nulla u bla effett u ordnat il-prosegwiment fil-mertu; rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Il-kwistjoni li trid fl-ewwel lok tiġi indirizzata hi jekk l-azzjoni kontra l-imsemmi Carmel sive Charles Farrugia tinsabx preskritta.

**6.** Jingħad l-ewwelnett illi ċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata fid-19 ta' Novembru 1993, u dan dwar reati allegatament kommessi fl-1991 u fl-1992. Saru emendi fl-2002 permezz ta' l-Att III ta' dik is-sena. Fost dawn l-emendi ġie miżjud is-subartikolu (2) għall-artikolu 687 tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi: **"Iż-żmien ta' preskrizzjoni għar-rigward ta' kull reat kriminali għandu jkun sospiż mill-waqt li imputazzjoni u, jew att ta' akkuża jiġu notifikati lill-persuna akkużata jew imputata sa dak iż - żmien meta tingħata sentenza finali u**

**definittiva fil-proċedimenti li jkunu inbdew bħala riżultat ta' dik l-imputazzjoni jew att ta' akkuża."** Qabel tali żieda kien applikabbli biss l-artikolu 693 tal-Kodiċi Kriminali li fis-subartikolu (1) jipprovdi: **"Iż-żmien tal-preskrizzjoni jinkiser b'kull att tal-proċediment li jiġi innotifikat lill-imputat jew akkużat dwar il-fatt li għalih ikun imputat jew akkużat."**

**7.** Il-Professur Sir Anthony Mamo fin-Noti tiegħu dwar Proċedura Kriminali[1] jgħid dwar sitwazzjoni bħal dik odjerna fejn l-azzjoni bdiet taħt liġi waħda u tterminat meta liġi ġdida ġiet fis-seħħ:

> **"The most commonly accepted doctrine is that where the laws which succeed one another vary as to the conditions or effect of prescription, the same principle should apply, as govern the operation of substantive criminal law in the same circumstances, i.e.:**
>
> **"(1) that the law in force at the time of the commission of the offence applies to the prescription which has commenced to run while the law was in force;**
>
> **"(2) that nevertheless, the provisions of a subsequent law which comes into operation after the commencement of prescription apply retrospectively if they are more favourable to the defendant."**

**8.** Bħalma anke jaċċetta l-Avukat Ġenerali[2] il-liġi kif kienet viġenti fiż-żmien ta' l-allegati reati hija l-liġi l-aktar favorevoli għall-appellat (allura imputat). Għalhekk irid jiġi eżaminat jekk tul is-snin il-preskrizzjoni nkisritx kif jgħid is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 693 tal-Kodiċi Kriminali.

**9.** L-Avukat Ġenerali jgħid illi l-preskrizzjoni dwar l-ewwel imputazzjoni ma nkisritx peress illi l-perijodu preskrittiv huwa ta' għaxar snin u mill-atti jidher li l-appellat ġie notifikat għas-seduta tas-26 ta' April 2005 peress illi esebixxa ċertifikat mediku minħabba li ma setax jattendi għas-seduta in kwistjoni. Għalhekk, jissottometti l-Avukat Ġenerali, peress illi bejn is-seduta tas-26 ta' April 2005 u d-data tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti datata 16 ta' Ottubru 2012 ma kinux għaddew għaxar snin, l-azzjoni fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni ma tirriżultax preskritta. Kwantu għall-imputazzjonijiet l-oħra fejn il-perijodu preskrittiv għalihom huwa ta' ħames snin, peress illi mir-riċerki relattivi mill-Korp tal-Pulizija ma nstabux notifiki dokumentati, is-sitwazzjoni hi differenti, u cioe` li l-azzjoni hi preskritta.

**10.** Dwar l-ewwel imputazzjoni, il-liġi allura viġenti kienet ukoll tipprovdi għal perijodu preskrittiv ta' għaxar snin stante li hawn si tratta ta' armi u munizzjon.[3]

---

[1] Paġna 42.
[2] Ara note ta' l-Avukat Ġenerali ta' l-24 ta' Diċembru 2013.
[3] L-allura artikolu 72(2) li ġie introdott bl-Att XIX tas-sena 1985, kien jistipola: "Dawk il-proċedimenti (dwar xi reat kontra din l-Ordinanza) għandhom jinbdew – (a) meta l-oġġetti li dwarhom min ikun għamel ir-reat

Kwantu għall-imputazzjonijiet l-oħra m'hemmx dubju li, kif jaċċetta l-Avukat Ġenerali, l-azzjoni hi preskritta. Il-kwistjoni hi jekk, fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni, inkisritx il-preskrizzjoni f'dik is-seduta tas-26 ta' April 2005 meta ġie esebit ċertifikat mediku.

**11.** Jirriżulta minn eżami ta' l-atti illi l-aħħar li l-appellat deher quddiem l-ewwel Qorti kien fil-5 ta' Marzu 2002.[4] Imbagħad skond il-verbal tas-26 ta' April 2005 ġie esebit ċertifikat mediku rigward l-appellat.[5] Dan iċ-ċertifikat (rilaxxat fil-25 ta' April 2005) jgħid illi l-appellat kien qiegħed ibati minn "severe left sciatic pain" u li kellu jibqa' fis-sodda għal ġimgħa. Minn dakinhar sas-seduta tas-16 ta' Ottubru 2012 inkluża, meta l-ewwel Qorti ddeċidiet li l-każ kien preskritt, qatt ma deher ħadd. L-appellat ġie biss notifikat fl-20 ta' Settembru 2013 bir-rikors ta' appell u l-avviż għas-smigħ ta' l-appell. L-Avukat Ġenerali jsostni illi l-fatt li ġie esebit ċertifikat mediku jfisser li l-appellat kien ġie notifikat. L-appellant jirribatti illi dan ma jikkostitwix prova ta' notifika.

**12.** L-artikolu 693(1) tal-Kodiċi Kriminali jirrikjedi biex tinkiser il-preskrizzjoni, "att tal-proċediment li jiġi innotifikat lill-imputat jew akkużat". Fl-istess noti fuq il-Proċedura Kriminali l-Professur Sir Anthony Mamo jgħid[6]:

> "In order that the acts of the proceedings may interrupt prescription it is necessary that they be served on the person charged or accused. Service is effected by delivering the act to the person himself or, where he cannot easily be found, by leaving the act at his usual place of abode (sec. 374). In Criminal Appeal Police vs Schembri, 20/9/1930 (Mercieca C.J.) Law Reports XXVII, Pt. Iv, p. 822, it is stated as follows: 'As the law requires for the interruption of prescription the service of the act of the proceedings, all oral notices of the adjournment of the case do not avail for the purpose. In order that the adjournment of the case as an act of the proceedings may have the effect of interrupting prescription in regard to the offence charged against the accused, it is necessary that he shall be served with a written copy of the order of adjournment. A mere notice will not be sufficient.' This principle was also applied by Harding J. in Criminal Appeal Police vs Darmanin 22/7/46 where it was stated: 'The running of prescription is interrupted by an act of the proceedings served on the accused. But apart from adjournments made "seduta stante" it is necessary that the act of the proceedings whereby the case is adjourned shall be served on the accused by means of a written copy. A proces verbal in the record of the proceedings is not sufficient" (Vide also Cr. App. Police vs Bigeni, 16/12/46 and Cr. App. Police vs Vella 9/5/1931 – L.R. Vol. XXVIII, P. iv)."

---

ikunu qed isiru proċedimenti kontra tiegħu jkunu xi oġġetti murija fl-Iskeda li tinsab ma' din l-Ordinanza, fi żmien 10 snin mid-data li fiha l-oġġetti jkunu mportati".

[4] Ara verbal a fol. 189.

[5] Ara fol. 206A u fol. 206B.

[6] Paġni 39 – 40.

**13.** Issir referenza wkoll għal dak li ntqal fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Dougall** deċiż fid-9 ta' Mejju 1997 fejn si tratta ta' notifika ta' xhieda:

> **"Kif din il-Qorti irriteniet f'diversi sentenzi, biex l-Avukat Ġenerali (jew, skond il-każ, il-kwerelant) ikun jista' jinvoka dana l-aggravju f'każijiet fejn ix-xhud li tkun trid il-prosekuzzjoni ma jidhirx, irid jirrisulta mill-atti u bħala minimu li dak ix-xhud kien ġie debitament notifikat (ara, inter alia, P. v. Joseph Sharfid, 12/4/96; P. v. Monica Schranz, 21/2/97, it-tnejn appelli kriminali) jew li l-prosekuzzjoni għamlet dak kollu minnha mistenni biex tipprova tinnotifikah. Il-prova li xhud ġie notifikat jew li sar tentattiv ta' notifika għandha ssir, bhala regola, permezz tar-riferta."** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Dak li jingħad f'din is-sentenza huwa similment applikabbli fejn si tratta ta' notifika ta' imputat jew akkużat.

**14.** Fil-każ in eżami ma nġabet l-ebda prova li l-appellat ġie notifikat għas-seduta tas-26 ta' April 2005. Saħansitra fin-nota tiegħu ta' l-24 ta' Diċembru 2013 l-Avukat Ġenerali qal: "Illi fir-rigward tal-bqija tal-akkużi, allavolja saru r-riċerki relattivi mill-Korp tal-Pulizija ma nstabux notifiki dokumentati". Huwa minnu illi din id-dikjarazzjoni saret fir-rigward ta' imputazzjonijiet preskrivibbli bid-dekorriment ta' ħames snin, iżda din il-Qorti kif diversament presjeduta kienet awtorizzat lill-prosekuzzjoni "tara kienx hemm notifiki matul is-snin li damet għaddejja l-kawża".[7] Evidentement ma nstab xejn. Il-fatt li ġie esebit ċertifikat mediku ta' l-appellat għas-seduta tas-26 ta' April 2005 ma jistax waħdu jittieħed bħala prova ta' notifika. Dak li jippretendi l-Avukat Ġenerali li tagħmel din il-Qorti hu li tassumi li l-appellat ġie notifikat. Pero`, minbarra li seta' kien hemm diversi raġunijiet għal liema ġie esebit tali ċertifikat, hawn qegħdin f'awla tal-provi u mhux tal-konġettura, u l-aqwa prova hija r-riferta. Hekk kif almenu fi tliet okkażjonijiet tul il-proċeduri ġew esebiti riferti[8] fir-rigward ta' l-appellat, kieku l-appellat ġie notifikat għas-seduta tas-26 ta' April 2005 kienet tinsab u tiġi esebita r-riferta opportuna.

**15.** Bħalma ntqal *supra* (para. 11) l-aħħar li deher il-Qorti l-appellat kien fil-5 ta' Marzu 2002. Minn dakinhar, l-ewwel darba li jirriżulta li ġie notifikat l-appellat b'att tal-proċediment kien fl-20 ta' Settembru 2013. Dan ifisser li bejn dawn iż-żewġ dati ddekorrew ħdax-il sena sitt xhur u ħmistax-il ġurnata. L-azzjoni fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni hi għalhekk deċiżament preskritta.

---

[7] Ara verbal tal-21 ta' Ottubru 2013 a fol. 247.
[8] Ara fol. 69, 74, 80A.

**16.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiddikjara l-azzjoni kriminali fir-rigward ta' l-imputazzjonjiet kollha preskritta u għalhekk tillibera lil Carmel sive Charles Farrugia minn kull imputazzjoni.